KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 16

**It-Tlieta 28 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 16.1 Qari tal-Apoloġiji

16.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 15

16.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

16.2.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm il-kelma 'informa' nieqsa f'para. 15.3.5 u għaldaqstant kien hemm qbil li l-ewwel sentenza tibda 'Is-Sindku informa li hu u s-SE ... '.

16.2.3 Il-minuti tas-seduta numru 15 ġew approvati bl-emenda msemmija hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 16.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 Is-Sindku informa li dwar l-attivitajiet tal-Milied, ibbukkja s-sala b'mod temporanju għall-ikla tal-komunità ġo lukanda għat-12 ta' Diċembru. Ovvjament 'il quddiem se jiġi kkonfermat il-booking minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid.

16.3.2 Huwa semma' li l-attività tal-Majjalata ma saritx kif kien hemm il-ħsieb.

16.3.3 Dwar l-attività mal-klabb tal-futbol, huwa informa li kien hemm il-ħsieb li ssir *sports day* miftuħa għal kulħadd. Però kien se jkun hemm aktar diskussjonijiet sabiex naraw ikunx idonju li ssir minħabba ċ-ċirkostanzi li qegħdin fihom bħalissa. Hawnhekk is-SE infurmat li r-Reġjun Tramuntana kien se jorganizza xi attivitjiet sportivi, u waħda minnhom kienet qed tiġi proposta li ssir fl-Imtarfa. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-membri tal-Kunsill jiddiskutu l-possibbiltà li dawn iż-żewġ attivitajiet ikunu amalgamati sabiex ikun hemm attendenza ikbar.

16.3.4 Fuq is-suġġett tal-eks skola sekondarja, il-Kunsill ġie infurmat li qed jinġemgħu numru ta' karozzi u qed iħallu ħafna ħmieġ warajhom. Kien hemm qbil li għandu jgħaddi rapport lill-pulizija. Kien hemm qbil ukoll li ssir talba għal qtugħ ta' ħaxix fl-eks skola sekondarja.

16.3.5 Is-Sindku staqsa lis-SE dwar kif jista' jitjieb is-servizz tal-ġbir ta' skart goff fil-każ li persuni jkollhom aktar minn 4 oġġetti. Is-SE infurmat li l-Kunsill huwa obbligat li jimxi mal-kuntratt. Min-naħa l-oħra, bħala amministrazzjoni tipprova tiffaċilita l-massimu tas-servizz lir-residenti u mhux l-ewwel darba li ġew ibbukkjati żewġ ġabriet. Mill-bqija kien hemm qbil li dan is-servizz fil-maġġorparti ma joħloqx problemi anke għaliex l-amministrazzjoni dejjem tieħu ħsieb li ċċempel lir-residenti biex tassigura li l-affarijiet ikunu nġabru.

16.3.6 Is-Sindku informa li dwar l-*exit junction* tal-*bypass* kien ġie infurmat li se ssir hekk kif jitlesta l-proġett tal-Għeriexem, probabbilment lejn l-aħħar ta' Settembru. Hekk kif titlesta l-*exit junction,* il-pjan kien li jinbeda x-xogħol fuq Triq il-Kav. Vincenzo Bonello, għalkemm il-possibbiltà kienet li dan ix-xogħol ikun fis-sena 2021.

16.3.7 Is-Sindku informa li x-xogħol ta' aċċessibbilità aħjar fuq il-parkeġġ tal-kappillan u t-tneħħija ta' bankina fi Triq ir-Reġimenti Maltin għandhom jinbdew fil-viċin.

16.3.8 Is-Sindku informa wkoll li kien kiteb lil Infrastructure Malta dwar it-toroq ta' bejn il-*barracks* fejn allegatament ix-xogħol ma sarx tajjeb u kienu qed iżommu l-ilma.

## 16.4 Aġġudikazzjoni tal-offerta MTFLC/T/007/2019 (*Supply and installation of ELV's at Visitors Centre*)

16.4.1 Is-SE infurmat li din l-evalwazzjoni kienet għadha ma ġietx konkluża.

16.4.2 Fl-istess waqt ġibdet l-attenzjoni li fir-rigward ta' offerta MTFLC/T/008/2019, fejn kien hemm żball żgħir fuq l-ammont tar-rapport approvat fil-laqgħa preċedenti fejn minflok €9723.14 l-ammont kellu jaqra €9723.17. Għaldaqstant talbet li jerġa' jiġi approvat ir-rapport mill-ġdid bl-ammont it-tajjeb.

16.4.3 Il-Kunsill approva r-rapport il-ġdid tal-evalwazzjoni għall-offerta MTFLC/T/008/2019.

## 16.5 Riżoluzzjoni BOV – Talba għal *internet key* oħra għall-użu tal-istaff

16.5.1 Is-SE infurmat li wara żviluppi li kien hemm min-naħa tal-BOV, inħasset il-ħtieġa li l-pagamenti jibdew isiru *online* minflok biċ-ċekk u għaldaqstant talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill għal *internet key* oħra biex id-dettalji tal-pagamenti jibdew isiru mill-istaff. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

16.5.2 Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li hemm bżonn li tgħaddi riżoluzzjoni oħra sabiex il-Kunsill jippermetti l-użu tal-pagamenti online (SEPA), fosthom il-pagi u l-*allowances* tal-Kunsilliera. Il-Kunsill approva.

## 16.6 *Youth Mobility Project 2019* (Polonja)

16.6.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-*Income and Expenditure Report* ta' dan l-iskambju fejn jidher li l-Kunsill kien spiċċa b'€3695 minn taħt. Hija ġibdet l-attenzjoni dwar l-importanza li l-Kunsill jaħdem bl-allokazzjoni li tingħatalu u ma jkomplix inaqqar mill-fondi diġà limitati tal-Kunsill.

16.6.2 Hawnhekk waslet l-*accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Romina Perici Ferrante.

## 16.7 Talba għal *maternity/parental leave* u *teleworking* mill-iskrivana

16.7.1 Is-SE iċċirkolat talba mingħand l-iskrivana tal-Kunsill fejn kienet qed titlob li bejn il-bidu ta' Settembru 2020 u nofs Mejju 2021, taħdem numru ta' ġranet bit-*teleworking*, toħrġ b'xahar bil-VL, *maternity* u *parental leave* u tidħol lura parzjalment bit-*teleworking* nhar l-20 ta'

Mejju 2021 fuq bażi ta' darbtejn mid-dar u 3 ijiem mill-uffiċċju. Kopja tal-ittra bid-dati eżatti qed tiġi mehmuża.

16.7.2 Fuq rakkomandazzjoni tas-SE, il-Kunsill approva għalkemm kien hemm qbil li dan huwa suġġett għall-flessibbiltà min-naħa tagħha kemm qabel kif ukoll wara dan il-perjodu.

## 16.8 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-tieni kwart (April-Ġunju)

16.8.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport finanzjarju. L-*accountant* tal-Kunsill tat spjega ħafifa dwar il-kontenut tiegħu.

16.8.2 Il-Kunsill approva r-rapport u ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 16.9 Talba għal impjieg ġdid (20 siegħa fil-ġimgħa)

16.9.1 Is-SE infurmat li fid-dawl tas-sitwazzjoni li tinsab fiha l-amministrazzjoni, hemm bżonn li l-Kunsill ikollu xi tip ta' impjieg ieħor sabiex jgħin fid-*day to day work*.

16.9.2 Fid-dawl tal-fatt li l-Kunsill kien għamel *surplus*, is-SE u l-*accountant* infurmaw li l-Kunsill seta' jużа dan l-ammont biex jimpjega lil xi ħadd fuq bażi *part time*, imqar għal 20 siegħa fil-ġimgħa. Hija spjegat li għalkemm dan is-servizz kien biss ta' ftit sigħat fil-ġimgħa, għallanqas seta' jgħin ftit is-sitwazzjoni li qiegħda fiha l-amministrazzjoni. Hija infurmat li kienet għamlet talba wkoll lis-CWSF bit-tama li jinstab xi ħadd min-naħa tagħhom wara li l-iskrivana tal-Kunsill fuq din l-iskema kienet ġiet trasferita għal post ieħor.

16.9.3 Il-Kunsill approva li jinbeda l-proċess għall-ingaġġ ta' skrivan/a fuq baħi ta' 20 siegħa fil-ġimgħa.

## 16.10 Talba għal bidla fis-servizz legali

16.10.1 Is-Sindku wera x-xewqa li jkun hemm bidla fis-servizz legali.

16.10.2 Is-SE infurmat li l-Kunsill ma jiflaħx iħallas għall-ispiża li qed jissuġġerixxi s-Sindku, sakemm ma jittieħdux minn xi vot ieħor. Hija qalet ukoll li l-Kunsill qatt ma kellu problemi min-naħa ta' dan is-servizz partikolari u għaldaqstant ma tarax għaliex dan għandu jinbidel, aktar u aktar fid-dawl li r-*retainer* li qed iħallas il-Kunsill fil-preżent huwa verament affordabbli.

16.10.3 Madanakollu kien hemm qbil li għandhom jinġabu 3 kwotazzjonijiet u din it-talba terġa' tiġi diskussa.

## 16.11 Rapporti dwar Ħidma mill-Kunsilliera (Ġunju – Diċembru 2019)

16.11.1 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsillier Mifsud kienet għadha m'għaddietx kopja tar-rapport ta' ħidma tal-ewwel sitt xhur mill-kariga. Min-naħa tagħha, il-Kunsillier Mifsud infurmat li kienet għaddietu però s-SE insistiet li dan ma kienx wasal għandha u għaldaqstant talbet lill-Kunsillier Mifsud biex filkaż terġa' tibgħatu.

16.11.2 Hawnhekk is-Sindku ħa spunt biex jiddikjara li wara d-diskussjoni waqt il-laqgħa preċedenti, kien ħaseb biex jgħaddi responsabbiltà tal-ambjent lill-Kunsillier Simon Fenech, anke fid-dawl li kemm il-manutenzjoni tal-ġonna kif ukoll it-tindif jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu. Huwa reġa' fakkar li għalkemm kull kunsillier kellu dekasteru, ir-responsabbiltajiet b'mod ġenerali huma ta' kulħadd.

## 16.12 Kommunikazzjoni min-naħa tal-Kunsillier Mifsud, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

16.12.1 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li se jiġu organizzati numru ta' attivitajiet bħala parti minn festival li se jorganizza r-Reġjun Tramuntana bl-isem ta' *Street Idols Youth and Street Sport Festival*. Kien hemm l-intenzjoni li nhar id-29 ta' Awwissu tinżamm attività fl-Imtarfa, hekk kif diġà ġie mħabbar aktar qabel.

16.12.2 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li kien se jinżamm festival tan-nar bejn il-25 u s- 27 ta' Settembru. Dak tal-isports se jsir bejn is-16 u t-18 ta' Ottubru.

16.12.3 Il-Kunsillier Mifsud infurmat li r-Reġjun kien obbligat jagħmel Social Impact Assessment fejn uriet ukoll kwotazzjoni li rċieva r-Reġjun min-naħa ta' Fakultà mill-Università ta' Malta. Hawnhekk il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li ladarba l-ammont kien iktar minn €5000, kien hemm bżonn li tiġi ppubblikata offerta pubblika.

16.12.4 Hija infurmat ukoll li kienet attendiet għal preżentazzjoni dwar il-metodi differenti li wieħed jista' jipproduċi l-kompost.

## 16.13 Punti Oħra

16.13.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand il-GreenMT fejn kienu kkonfermaw li min-nhar il-Ġimgħa 3 ta' Lulju, il-ġabra tal-borza l-griża kienet se terġa' tibda titħallas min-naħa tagħhom.

16.13.2 Is-SE infurmat li bl-għajnuna tal-Marine and Storm Water Unit tal-Gvern Ċentrali, kienet se ssir katusa ġdida bejn Triq Dar il-Kaptan u Triq l-Imtarfa. Hija infurmat ukoll li wara li jitlesta dan ix-xogħol kienu wkoll se jagħmlu *rain water gutter* mal-wisa' tat-triq fejn bħalissa hemm is-*sleeping policeman*. Dan wara li nstab li l-ilma li kien jinżel min-naħa tal-*housing estate* kien qed jispiċċa ħafna minnu wieqaf isfel nett bejn Triq l-Imtarfa u Triq Theuma Castelletti.

16.13.3 Is-SE infurmat li kif spjegat permezz tal-*email*, kienet iddaħħlet applikazzjoni għall-iskema LC Care tal-annimali fejn kienet iddaħħlet talba għal xiri ta' *doggie bins*, xiri u manutenzjoni ta' *cat shelters*, vawċers tal-ikel għall-*cat feeders* u rimbors ta' 50% tal-kontijiet tal-veterinarju (sabiex jitnaqqsu l-abbuzi). S'issa ma kienx hemm risposta dwar jekk l-applikazzjoni tal-kunsill kinitx eliġibbli jew le.

16.13.4 Is-Sindku informa li l-Ministru Jose Herrera kien se jħabbar skema ta' restawr. Kien hemm qbil li kemm-il darba din tkun tapplika għall-Kunsilli Lokali, il-Kunsill kellu jagħmel talba biex jiġi rrestawrat il-water catchment tal-bosk.

16.13.5 Is-Sindku informa li Infrastructure Malta kienu lestew proġett ieħor, dak taż-żona ta' Triq ir-Razzett l-Aħmar.

16.13.6 Il-Viċi Sindku informa li meta tagħmel ix-xita, qed jidħol l-ilma fil-garaxxijiet ta' Binja Buqana. Is-SE infurmat li skont xi residenti, il-materjal ġdid li ntuża għall-art mhuwiex poruż bħalma kien qabel u għaldaqstant l-ilma kien qed jibqa' jiskula għal ġol-garaxxijiet. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel talba lill-Awtorità tad-Djar sabiex titwessa l-katusa li hemm fil-*gutter*, possibbilment biex issir kif hemm diġà kuntrattur preżenti.

## 16.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

16.14.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 6), kopja tagħha mehmuża. Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 16.15 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

16.15.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8:00pm u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| Dr Daniel John Attard<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |